**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 211/14/MS**

**Stefan Riolo**

**vs**

**Rachel Mercieca - Joaq Ltd**

Illum 19 ta' Jannar 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Stefan Riolo tas-7 ta' Ottubru.

Ra illi sa l-ewwel gurnata tas-smigh, u cjoe' sat-3 ta' Novembru 2014, l-intimati ma kienu ghadhom ma dahhlu ebda risposta.

Ra li l-verbal tat-3 ta' Novembru 2014, fejn it-Tribunal kien indika illi s-socjeta' intimata baqghet kontumaci u ddifferixxa l-kawza ghas-sentenza, kien prematur u bi svista.

Ra illi l-intimati kienu gew notifikati fit-3 ta' Novembru 2014, u kwindi t-terminu ghar-risposta kien ghadu vigenti

Ra l-verbal tat-12 ta' Jannar 2015, fejn it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza. u ddiferixxa l-kawza ghad 19 ta' Jannar 2015.

Ra illi xorta wahda l-intimati baqghu kontumaci u ghalhekk it-Tribunal ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lir-rikorrent u ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Irrizulta mill-provi illi l-attur xtara *inflatable dinghy* fit-22 ta' Novembru 2010 minghand is-socjeta' Joaq Ltd. Mal-bejgh inghata garanzija limitata ghal 5 snin. Din il-garanzija kienet tkopri fost affarijiet ohra 'a five (5) year guarantee on the base fabric and the seams of which the Product is manufactured ... '

Illi wara tlett snin ta' uzu normali, d-*dinghy* beda jinfetah fil-gonot. Ittiehed ghal tiswija izda dan kien ghal xejn ghax il-hsara rrepetiet ruhha b'tali mod illi d-dinghy ma jistax jintuza. Meta l-attur talab lis-socjeta' konvenuta illi tiehu lura l-prodott, is-socjeta' irrifjutat u gabet

bhala skuza l-fatt li l-kolla hija difettuza mill-fabbrika u li kellem klijenti ohrajn li lmentaw bl-istess difett.

Illi t-tribunal innota illi s-socjeta' konvenuta ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrent.

**Ikkunsidra:**

Illi f'dan il-kaz, l-attur inghata drittijiet specjali fejn is-socjeta' konvenuta garantiet li d-*dinghy* kellu jkun minghajr difett ghal almenu hames (5) snin mid-data tax-xiri. Kienet obbligata wkoll illi f'kaz ta' difett, dan jissewwa. Dan ma kienx il-kaz u s-socjeta' konvenuta ma onoratx l-obbligazzjoni taghha. Id-dinghy kellu difetti serji u ghalkemm dawn id-difetti gew identifikati, l-ebda soluzzjoni ma nghatat. Minn dan ir-rispett it-Tribunal ihoss li s-socjeta' konvenuta kissret il-garanzija ghax ma kenitx f'posizzjoni ssewwi d-dinghy - ergo la darba s-socjeta' konvenuta kienet fi ksur tal-provvedimenti generali li jirregolaw il-kuntratti, l-attur kellu d-dritt li jhassar il-kuntratt. Taht il-kuntratt ta' bejgh, il-partijiet dahlu f'relazzjonijiet reciproci u l-bejjiegh obbliga ruhu li jzomm id-dinghy hieles minn kull difett ghal hames snin. Huwa car li s-socjeta' konvenuta naqqset mill-obbligazzjonijiet taghha versu l-attur li hu ntitolat jitlob id-disoluzzjoni tal-kuntratt skond l-art. 1069(1) tal-Kodici Civili.

Illi l-effetti tal-garanzija huwa li jipprovdi rimedju kuntrattwali u n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta jintitola lill-attur li jitlob id-dissoluzjoni tal-kuntratt.

**Ghal dawn il-motivi**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tal-attur, jikkundanna lill-intimati li jirrifondu s-somma ta' hames mitt Euro (€500.00), prevja d-dritt tal-istess intimati li jiehdu lura d-dinghy koncernat.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru